MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2008

Numru 816/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**OMISSIS**
**LUKE FARRUGIA**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matthew Camilleri ta’ 21 sena, bin Joseph u Emmanuela nee’ Montebello, imwieled Pieta, nhar is- 16 ta’ Novembru 1986, u residenti fil- fond 313 Paradise Flats no 2, Upper St Albert Street, Gzira,jew 211 Triq ix- Xatt il-Gzira, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 52986(M);

Josef Borg ta’ 16 – il sena mwieled nhar it- 12 ta’ Novembru 1991 mwieled il- Pieta bin il- mejjet Carmelo u Anna nee’ Miceli, residenti fil- fond 58, Triq Giovanni Barabara, Hamrun, detentur tal- karta tal- identita’ bin- numru 578391 (M)

U

Luke Farrugia ta’ 20 sena, mwieled nhar it- 22 ta’ Novembru 1987, mwieled il- Pieta bin David u Aida nee’ Mazzitelli residenti gewa Saturn Flats flat 6, Triq il- Flotta, Gzira detentur tal- Karta tal- identita’ bin- numru 530087(M)

Li gew mressqa sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet ;

Talli:

1) Nhar it- 30 ta’ Awwissu 2008 ghall- habta ta’ 00.40am gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, Hamrun, ittantaw li jikkomettu serq ta’ oggetti minn gewwa il- fond Bel Gusto a detriment ta’ Kevin Azzopardi mill- Hamrun liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- Volonta tal- imputati u dan ai terminu tal- Artikolu 41 (a), liema attentat ta’ serq huwa aggravat bil- mezz, bil- valur, u bil- hin u dan ai terminu tal- Artikolu 261, 263, 270, 279, 281 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2) U aktar nakkuzha lil Matthew Camilleri wahdu talli wara li kien diga gie ikkundannat f’ Malta ghal- serq, instabu fil- pussess tieghu ghodod, li ma kienux tal- Kundizzjoni tieghu minghajr ma tagha rendikont sodisfacenti ta jew kif gew legittimament ghandu, liema ghodod huma tajbin ghal ftuh jew sgassar u dan ai terminu tal- Artikolu 287 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3) Il- Qorti hija ukoll gentilment titratta mal- imputati Matthew Camilleri u Josef Borg bhala li rrendew ruhom

ricedivi b'diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definitive u dan ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4) U aktar talli l- istess Matthew Camilleri u Josef Borg talli kisru il- kundizzjonijiet tal- Onorabbli Qorti imposti fuqhom mill- Onorabbli Qorti u talli ikkommettew reat waqt l- opera tats- Sentenzi sospizi b'sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputat Luke Farrugia irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq mill-Qorti skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.
Rat illi l-imputati l-ohra wiegbu li m'humiex hatja ghall-imputazzjonijiet l-ohra, u ghaldaqstant il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taghhom, u ttrattat mal-imputat Luke Farrugia wahdu;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-imputat Luke Farrugia ghazel li jwiegeb fl-istadju tal-ezami li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti giet b'hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u setghet ghalhekk tghaddi minnufih ghall-ghoti tas-sentenza fil-konfront tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat Luke Farrugia ma thalli ebda alternattiva ghall-Qorti hlief li tiddikkjarah hati tar-reat indikat, u ghalhekk jibqa' biss li tigi kkonsidrata l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Jirrizulta mill-fedina penali li l-imputat kien gia' instab hati ta' reat iehor minn din l-istess Qorti kif presjeduta, u kien inghata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha. Dan l-ordni llum spicca

peress illi ghadda t-terminu tieghu skond il-ligi, u allura l-Qorti tista' tittratta mal-hati daqs li kieku qatt ma kkommetta reat. Madankollu, il-Qorti tara li l-htiega ta' sorveljanza fuqu hija wahda necessarja, u ghalhekk sejra taghti lill-imputat sentenza ta' prigunerija sospiza ghal terminu taht supervizjoni, bl-isperanza li din isservi ta' deterrent milli jwettaq reati ohra fiz-zmien operattiv taghha, u fl-istess waqt ikollu sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation tul l-istess zmien.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41(a), 261, 263, 270, 279, 281 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ta' Luke Farrugia din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ta' Ufficjal tal- Probation ai terminu tal- Artikolu 28 G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------